MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2015

Numru 308/2015

**Pulizija**

**Spettur Joanne Farrugia**

**Vs**

**Kaled M. Ben Gamhur**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kaled M. Ben Gamhur ta' 36 sena, bin Mokthar u Mary nee' Azzopardi, mwieled Tripoli, nhar l-1 ta' Mejju 1979, residenti 142/6 Triq San Duminku valletat u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 427000L;

Talli;

1) Fis-6 ta' Jannar 2015 ghal habta tal-10.00am gewwa Msida, ikkommetta serq ta' mowbajl tal-marka Nokia, liema serq ma jeccedix €232.94, ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni MFX 005 u li sar ghad-detirment ta' Darren Abela detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 2682M;
2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b' kull mod li jkun indahal biex ibiegghom jew imexxihom;
3) Ukoll talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar istadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271, u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tordna wkoll il-hrug ta’ Ordni ta’ Trattament ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------